

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

www.european-agency.org

# MIN AĦNA[1]

Il-missjoni tagħna hija li ngħinu lill-pajjiżi membri jtejbu l-politika u l-prattika tal-edukazzjoni inklużiva tagħhom għall-istudenti kollha. Il-ħidma tagħna kollha hija f'konformità ma' u ssostni b'mod dirett l-inizjattivi ta' politika internazzjonali u tal-Unjoni Ewropa dwar l-edukazzjoni, l-ekwità, l-opportunitajiet ugwali u d-drittijiet għall-istudenti kollha.

Aħna organizzazzjoni indipendenti li qed taġixxi bħala pjattaforma għall-kollaborazzjoni għat-31 pajjiż membru tagħna[2]. Aħna naħdmu biex niżguraw sistemi ta' edukazzjoni aktar inklużivi, bħala l-uniku korp Ewropew miżmum mill-pajjiżi membri tiegħu għal din il-missjoni speċifika. Stabbilita fl-1996, l-Aġenzija hija kofinanzjata mill-ministeri tal-edukazzjoni fil-pajjiżi membri tagħna u mill-Kummissjoni Ewropea, u sostnuta mill-Parlament Ewropew.

[1] European Agency for Special Needs and Inclusive Education / L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva

[2] L-Awstrija, il-Belġju (il-komunitajiet li jitkellmu l-Fjamming u l-Franċiż), il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Kroazja, l-Irlanda, l-Islanda, l-Isvezja, l-Isvizzera, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Renju Unit (l-Ingilterra, l-Irlanda ta' Fuq, l-Iskozja u Wales), ir-Repubblika Ċeka, is-Serbja, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Ungerija.

# FUQ XIEX NIFFOKAW

## INFORMAZZJONI BBAŻATA FUQ L-EVIDENZA

Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq id-Drittijiet ta' Nies b'Diżabilità (2006) u diversi direttivi u komunikazzjonijiet tal-UE jagħmluha ċara li l-pajjiżi ma għandhomx ikomplu jiddibattu dwar *x'inhi* l-edukazzjoni inklużiva jew *għaliex* għandhom jipprovduha. Issa hemm ħtieġa għal gwida dwar *kif* is-sistemi tal-edukazzjoni inklużiva jistgħu jiġu implimentati fuq livell ta' għalliema, klassi, skola, reġjun, il-muniċipalità u politika nazzjonali. Aħna nipprovdu lill-pajjiżi b'**informazzjoni bbażata fuq l-evidenza** u rakkomandazzjonijiet dwar kif jipplimentaw il-politiki ewlenin fil-prattiika.

Il-fokus ewlieni tagħna huwa fuq l-edukazzjoni inklużiva fl-interpretazzjoni l-aktar wiesgħa tagħha – li għandha x'taqsam mad-differenzi u d-diversità tal-istudenti fl-ambjenti edukattivi kollha bħala **imperattiv tad-drittijiet tal-bniedem u ta' kwalità**.

Kofinanzjat mill-Programm tal-Unjoni Ewropea Erasmus+





## APPROĊĊ B'DIVERSI STAKEHOLDERS

Permezz tan-netwerk ta' pajjiżi tagħna u l-parteċipazzjoni ta' esperti fil-proġetti, aħna nikkombinaw il-perspettivi **tal-politika, tal-prattika u tar-riċerka**. Din il-kombinazzjoni unika tagħmel possibbli l-identifikazzjoni ta' konnessjonijiet bejn dawn it-tliet perspettivi u li jiġu żviluppati rakkomandazzjonijiet komprensivi għall-politika u l-prattika li jikkunsidraw il-perspettivi kollha.

## VUĊI KOLLETTIVA

Permezz tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi membri tagħna, aħna niżguraw li **l-għarfien u r-riżorsi fil-pajjiżi individwali** jiġu ffokati f'**argumenti miftiehma u koerenti**. Dawn għandhom biżżejjed piż biex jinstemgħu bħala vuċi kollettiva dwar kwistjonijiet ewlenin fil-livelli Ewropej u internazzjonali.

Id-31 pajjiż membru issa għandhom pożizzjoni komuni dwar is-sistemi tal-edukazzjoni inklużiva li tiddefinixxi l-viżjoni tagħna. Din hija kisba kbira li tenfasizza kif il-pajjiżi b'approċċi differenti ħafna lejn l-inklużjoni kollha jikkondividu viżjoni komuni dwar l-edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għall-istudenti kollha.

**Fost il-pajjiżi membri kollha tal-Aġenzija, il-*viżjoni finali* għas-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva hija li jiġi żgurat li l-istudenti kollha ta' kwalunkwe età jingħataw opportunitajiet ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja u sinifikanti fil-komunità lokali tagħhom, flimkien ma' sħabhom u ħbiebhom.**

## PJATTAFORMA GĦAT-TAGĦLIM BEJN IL-PARI

L-Aġenzija tippreżenta pjattaforma għat-**tagħlim bejn il-pari** għall-pajjiżi membri u r-rappreżentanti tal-pajjiżi tagħhom u esperti. L-involviment fl-attivitajiet tal-Aġenzija – bħal żjarat fil-pajjiżi tal-proġetti – irawwem it-tagħlim bejn il-pari. Iż-żewġ parteċipanti mill-pajjiżi ospitanti u l-parteċipanti li qed iżuru l-pajjiżi jibbenefikaw, billi l-faċilitajiet tat-tagħlim bejn il-pari jiffaċilitaw **l-awto-reviżjoni u l-iskambju ta' esperjenzi**. Dan isostni l-iżvilupp u l-implimentazzjoni fuq perjodu ta' żmien twil tal-politiki fost il-parteċipanti tal-proġetti.





# KIF NAĦDMU

Il-ħidma tagħna tikkonċerna essenzjalment li ntejbu l-kisbiet tal-istudenti *kollha* fil-livelli kollha tat-tagħlim inklużiv tul il-ħajja. Dan għandu jitwettaq b'mod li jagħmel sens li jtejjeb il-probabbiltajiet tal-ħajja u l-opportunitajiet tal-istudenti biex jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà.

Aħna nwettqu sensiela ta' attivitajiet biex nippromwovu dan l-għan:

## PROĠETTI

Aħna niġbru d-data, nanalizzaw l-informazzjoni u nipprovdu lill-pajjiżi membri b'rakkomandzzjonijiet u linji gwida għal politika u prattika, filwaqt li naqsmu informazzjoni fuq temi ta' prijorità permezz ta' xogħol ta' proġett.

Il-proġetti tematiċi kollha jiffukaw fuq aspetti ta' xejriet komuni għal min ifassal il-politika għal edukazzjoni għal bżonnijiet speċjali u l-edukazzjoni inklużiva. Tul is-snin, aħna koprejna varjetà kbira ta' suġġetti, inkluż l-intervent bikri tat-tfal, l-edukazzjoni tal-għalliema, il-politiki dwar l-iffinanzjar, l-assessjar, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-ICT u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni, u għollejna l-kisbiet tal-istudenti kollha.

Il-proġetti tal-futur sejrin jiffukaw fuq il-politiki tal-edukazzjoni inklużiva dwar il-prevenzjoni tal-falliment fl-iskola, il-polika ta' sostenn għall-mexxejja tal-iskejjel biex jimplimentaw l-edukazzjoni inklużiva, it-tħejjija tal-għalliema biex jinkludu b'mod effettiv l-istudenti kollha u l-eżaminazzjoni tal-effetti tal-edukazzjoni inklużiva fis-sostenn tal-inklużjoni soċjali fuq perjodu ta' żmien twil.

## REVIŻJONIJIET TAL-POLIKA TAL-PAJJIŻ

Il-ħidma ta' Reviżjoni u Analiżi tal-Politika tal-Pajjiż (CPRA, Country Policy Review and Analysis) tagħna hija forma ġdida ta' informazzjoni individwalizzata dwar il-pajjiżi. Din tipprovdi lill-pajjiżi b'riflessjoni dwar l-oqfsa ta' politika attwali tagħhom għall-edukazzjoni inklużiva. Barra dan, din toffri lil kull pajjiż rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar il-prijoritajiet li jridu jiġu indirizzati.

## ĦIDMA TA' KONSULTAZZJONI ESTERNA

Aħna naħdmu mal-pajjiżi individwali fi ftehimiet bilaterali biex nivverifikaw esternalment is-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva tagħhom. Il-verifika teżamina l-prijoritajiet kurrenti kontra sett ta' standards li l-pajjiż inkwistjoni jidentifika. L-approċċ ta' verifika esterna jgħin jinforma l-awto-reviżjoni fil-livelli differenti tas-sistema u biex jiġu identifikati l-oqsma għall-ħidma ta' żvilupp futura fis-sistema tal-pajjiż.

►







Aħna nipprovdu wkoll konsultazzjoni lill-organizzazzjonijiet internazzjonali li qed jinvestigaw l-aspetti politiċi ta’ edukazzjoni inklużiva li għandna interess fihom.

## IT-TIXRID TAL-INFORMAZZJONI

Ir-riżultati u s-sejbiet tal-ħidma tagħna huma mifruxa sew fin-netwerk Ewropew ta’ pajjiżi membri u lil hinn. L-informazzjoni kollha hija disponibbli fuq il-websajt tal-Aġenzija, fejn ir-riżultati tal-proġetti bħar-rapporti, ir-reviżjonijiet tad-dokumenti, il-fuljetti informattivi u l-għotjiet ta’ informazzjoni dwar il-politika jistgħu jitniżżlu mingħajr ħlas. Ir-riżultati ewlenin tal-proġett huma disponibbli fl-25 lingwa uffiċjali kollha tal-Aġenzija.

Il-websajt tagħna fiha abbundanza ta’ informazzjoni dwar kull pajjiż membru. Din tinkludi l-ħarsiet ġenerali nazzjonali lejn is-sistemi legali tal-pajjiżi, l-iffinanzjar, l-edukazzjoni għal bżonnijiet speċjali, it-taħriġ ta’ għalliema, data, l-indikaturi tal-kwalità u l-aħbarijiet mill-pajjiżi.

## KONFERENZI, SEMINARS U AVVENIMENTI POLITIĊI

Aħna norganizzaw u nipparteċipaw f’konferenzi, seminars, diskussjonijiet round table, sessjonijiet tematiċi u avvenimenti oħrajn. Dawn jipprovdu opportunità għal varjetà ta’ stakeholders biex titqajjem kuxjenza, jitgħallmu min xulxin, jaqsmu informazzjoni dwar l-oqsma ta’ prijorità u jiġi ffaċilitat in-networking għall-parteċipanti.

## IL-KOOPERAZZJONI EWROPEA U INTERNAZZJONALI

Il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet Ewropej u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-UNESCO u l-istituti tagħha (l-Aġenzija Internazzjonali tal-Edukazzjoni, l-Istitut għat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni fl-Edukazzjoni), l-OECD, il-Eurostat, il-Eurydice, il-Cedefop u l-Bank Dinji, hija aspett importanti tal-ħidma tagħna.
Għadd ta’ organizzazzjonijiet jaħdmu għal għanijiet komuni ggwidati minn valuri komuni. Aħna nikkoperaw fl-attivitajiet ta’ proġett ma’ għadd ta’ organizzazzjonijiet biex jiġi evitat xogħol żejjed u biex jgħinu is-soċjetajiet isiru aktar inklużivi.

# IKKUNTATTJANA

Jekk trid titkellem ma’ xi ħadd dwar l-edukazzjoni inklużiva f’pajjiżek, jekk jogħġbok ikkuntattja r-rappreżentanti tal-Aġenzija ta’ pajjiżek. Id-dettalji tagħhom kollha nsibuhom fit-taqsima tal-“Informazzjoni tal-pajjiż” (‘Country information’) tal-websajt tal-Aġenzija:

**www.european-agency.org/country-information**

Għal mistoqsijiet dwar l-Aġenzija u x-xogħol tagħha, ikkuntattja:

lis-Segretarjat tal-Aġenzija:
**secretariat@european-agency.org**

jew l-Uffiċċju fi Brussell:
**brussels.office@european-agency.org**